# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 18 ta' Mejju 2001**

**Numru 31**

**Citaz. numru: 1920/97 NA**

**Agnes El Naib f'isimha proprio u bhala kuratrici ta' l-ulied minuri Akram, Mofida u Osama**

**vs**

**Avukat Dottor Vincent Galea u l-P.L. Veronica Rossignaud li b'digriet tal-Qorti tal-1 ta' Ottubru 1997 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Naser Mohammed El Naib**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fid-29 ta' Awissu 1997 fejn ippremettiet:

"Illi l-kontendenti zzewgu fis-17 ta' Lulju 1987 fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku, l-Belt, Valletta;

Illi mill-imsemmi zwieg kellhom tlett itfal Akram ta' tmien snin, Mofida ta' hames snin u Osama ta' tlett snin;

Illi l-konvenut irrenda ruhu hati fil-konfront ta' l-attrici ta' adulterju, mohqrija, sevizzi, ngurji gravi, minacci u theddid, b'mod li rrenda l-hajja konjugali impossibbli;

Illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi bl-istanti permezz ta' digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili datat 24 ta' Gunju 1997 (Dokument "A");

TALBET li din il-Qorti, ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan ghal tortijiet u htija unikament imputabbli ghall-konvenut;

2. tafda l-kura w il-kustodja tat-tlett itfal minuri Akram, Mofida u Osama f'idejn l-attrici fit-termini ta' dak li jiddisponi l-Artikolu 56 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici ghaliha u ghat-tlett uliedha minuri fuq imsemmija, manteniment skond il-mezzi tieghu w il-bzonnijiet ta' l-attrici fil-modalitajiet u kundizzjonijiet li jidhrilha opportuni din il-Qorti fit-termini ta' l-Artikolu 54 tal-Kapitolu 16tal-Ligijiet ta' Malta;

4. tapplika l-Artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta *in toto* jew *in parte*;

5. tillikwida w ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti fit-termini ta' l-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, taqsamha f'zewg partijiet mhux necessarjament ugwali u dan sabiex *ope sententia* porzjoni tigi assenjata lill-attrici u porzjoni ohra lill-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk maghmula fil-proceduri tas-Sekond'Awla u bil-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha, il-lista tax-xhieda w id-dokument minnha esebit.

Rat il-proceduri li wasslu ghan-nomina ta' l-Avukat Dottor Vincent Galea w il-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-konvenut b'digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta tal-1 ta' Ottubru 1997.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet u dikjarazzjoni guramentata soliti tal-kuraturi deputati tat-2 ta' Dicembru 1997 fejn iddikjaraw li ma kienux edotti mill-fatti w irriservax li jipprezentaw eccezzjonijiet ulterjuri.

Fis-seduta tad-29 ta' Jannar 1998 il-Qorti nnominat lill-Assistenta Gudizzjarja Dr. Monica Borg Galea biex tigbor il-provi

Hija zammet seduta fil-5 ta' Marzu 1998 fejn xehdet l-attrici. Issostni li zewgha kien infidil lejha fiz-zwieg u li kien anke jsawwatha. Dwar dan esebit kartolina mibghutha lill-zewgha minn tfajla Ingliza u certifikat mediku mill-Mosta Health Clinic. Mhux biss izda ssostni li l-konvenut kien dahal fi zwieg iehor ma' mara ohra. Ta' dan ma esebiet ebda certifikat izda biss ritratti ta' cerimonja ta' tieg li kien sar gewwa Bugibba, dejjem skond hi, ma' mara ohra Libjana li tissemma' mill-attrici

b'isimha.  Tallega li hemm diversi proceduri kriminali pendenti kontra zewgha u ghalhekk il-konvenut kien harab minn Malta peress illi huwa mfittex mill-Pulizija.

Fiz-zwieg huma ma xtraw ebda proprieta' flimkien.  Kienu jghixu god-dar ta' ommha li huwa mikri fil-ktieb tal-kera f'isem ohtha.  Minn flusha kienet xtrat xi affarijiet ghal dan il-fond pero' l-konvenut qatt ma xtara xejn.  Lit-tfal dejjem hadet hsiebhom u mantniethom hi u sad-data li xehdet kienu ghadhom kollha minuri.

Fis-seduta tad-29 ta' April 1998 xehed l-Ispettur Joseph Valletta li ddikjara li jaf lill-konvenut personalment.  Hu kien arresta lill-konvenut fil-25 ta' Jannar tal-1997 fir-residenza tieghu l-Qawra fejn kien qed ighix ma' certu sinjura jisimha Karina.  Dan l-arrest kien sar in konnessjoni ma' serqa mid-dar ta' l-istess attrici.  Il-konvenut pero' wkoll kien ghaddej proceduri kriminali ghal stupru.  Huwa kien "*wanted*" mic-C.I.D. peress illi kien harab minn Malta.  F'din is-seduta saret ukoll il-kontro-ezami ta' dan ix-xhud u ta' l-istess attrici mill-kuratur deputat Dr. Vincent Galea.

Fis-seduta tas-17 ta' Settembru 1998 regghet xehdet l-attrici li zewgha kien jinstab Malta l-Habs. Huwa ghalhekk gie notifikat bic-citazzjoni personalment u pprezenta n-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tieghu fl-24 ta' Novembru 1998 fejn eccepixxa illi:

1. "Ili l-konvenut b'ebda mod ma kien responsabbli ghat-tkissir tal-hajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti;

2. Illi ghall-kuntrarju l-hajja konjugali m'ghadhiex aktar possibbli minhabba mohqrija, sevizzi, ngurji gravi, minacci u theddid ta' l-attrici fil-konfront tal-konvenut;

3. Illi kemm-il darba l-attrici tissokta bit-talba ghas-separazzjoni allura hija ghandha tigi ritenuta responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt."

Ghal xi zmien deher illi kien hemm il-possibbilita' ta' separazzjoni konsenswali (ara verbal tad-29 ta' Ottubru 1998 u dak quddiem l-Assistenta Gudizzjarja tas-17 ta' Marzu 1999 fejn is-seduti gew sospizi). Mis-seduta quddiem l-Assistenta

Gudizzjarja tal-24 ta' Gunju 1999 irrizulta pero' illi l-konvenut kien rega' harab minn Malta u li t-transazzjoni ma kenitx saret. Il-Qorti ghalhekk fis-seduta tat-3 ta' Lulju 1999 ikkonfermat l-inkarigu tal-kuraturi w idderigiet lill-Assistenta Gudizzjarja biex tkompli bil-provi. Fis-seduta tat-30 ta' Novembru 1999 quddiem l-Assistenta Gudizzjarja sar kontro-ezami ulterjuri ta' l-attrici mill-kuratur deputat li ddikjara li kien ikkonkluda l-provi tieghu (l-attrici kienet ghamlet din id-dikjarazzjoni fis-seduta tal-24 ta' Gunju 1999 quddiem l-Assistenta Gudizzjarja) u dan wara li l-attrici kkonfermat li zewgha rega' kien il-Libya pero' li hija ma kellhiex indirizz tieghu. Finalment fis-seduta quddiem il-Qorti tal-20 ta' Jannar 2000 id-difensur ta' l-attrici rega' ddikjara li ma kellhomx aktar provi w il-kawza giet differita ghas-sentenza, liema sentenza sejra tinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi l-Qorti m'ghandhiex dubbju illi dan iz-zwieg tfarrak kompletament u dana a tort unikament tal-konvenut li abbanduna lill-attrici u lit-tfal taghhom, kien hati ta' adulterju u ta' eccessi u mohqrija ohra fil-konfront ta' l-attrici. It-tfal dejjem kienu fil-kura u kustodja effettiva ta' l-attrici, stat ta' fatt li gie kkonfermat mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili bid-digriet

taghha. L-assi fil-komunjoni ta' l-akkwisti jirrizultaw li huma ferm marginali w il-ftit assi li ghadhom jezistu nxtraw mill-attrici bil-hidma taghha fil-waqt illi l-konvenut iddekada minn sehmu fuq l-istess. Mill-banda l-ohra l-attrici naqset, kif kienet naqset fis-Sekond'Awla, li ggib xi tip ta' prova dwar il-mezzi tal-konvenut u dwar il-bzonnijiet taghha u tat-tfal minuri.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha din il-kawza hija deciza billi l-Qorti:

1. tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana ghall-tortijiet u htija unikament imputabbli ghall-konvenut;

2. tilqa' t-tieni talba u tafda l-kura u kustodja tat-tlett itfal minuri Akram, Mofida u Osama f'idejn l-attrici fit-termini ta' dak li jiddisponi l-Artikolu 56 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. tastieni ghar-ragunijiet fuq moghtija milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba;

4. tilqa' r-raba' talba u tapplika kontra l-konvenut *in toto* l-Artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. tilqa' l-hames talba u tillikwida w ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti fit-termini ta' l-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u tordna ghar-ragunijiet fuq moghtija illi l-assi ta' l-istess jigu assenjati lill-attrici fl-intier taghhom.

L-ispejjez kif mitluba huma a karigu tal-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.